MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2012

Appell Kriminali Numru. 305/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. Anzjan Anthony Cassar)**
**Vs**
**James Demanuele**

**Illum 27 ta’ Lulju, 2012**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli b’diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda u cioe`:
1. talli matul it-28 ta’ Dicembru 2007 u fil-granet ta’ qabel din id-data, f’diversi hinijiet u f’diversi mkejjen fil-Gzejjer Maltin, gab ruhu b’mod li ta fastidju lil Elena Maria Felice minn Marsaskala u/jew b’mod li kien jaf jew missu kien jaf li dan kien ta’ fastidju ghall-imsemmija persuna;
2. u aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, l-imgieba tieghu kkagunat biza` kbir lil Elena Maria Felice

kif ukoll lil bintha ta’ disa` snin Deianira Demanuele li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta` taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta` ta’ xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-art. 222(1);
3. fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, ingurja jew hedded lill-imsemmija Elena Maria Felice jew jekk kien pprovokat, ingurjaha b’mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;
4. fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, qal kliem oxxen fil-pubbliku li jikkonsisti f’dagha;
5. fid-29 ta’ Dicembru, 2007, ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku fosthom l-Ispettur Anthony Cassar waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;
6. kiser il-provedimenti fuq imposti b’sentenza datata 7 ta’ Lulju 2006 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati u liem sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta’ Novembru 2006 fejn kien gie misjub hati ta’ reat u tqieghed taht garanzija ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’obbligazzjoni li ma jdejjeqx u ma jimmolestax lil Elena Maria Felice u l-familja taghha ghal zmien sena liema zmien beda jghodd mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali kif provdut fis-sentenza hawn fuq citata;
7. u fl-ahharnett talli rrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-28 ta’ Gunju, 2010, li biha, wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 251A, 251B, 339(1)(e), 338(bb), 95, 49, 50 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati tal-ewwel, it-tieni, u t-tielet akkuza kif edeotti u sabet ukoll lill-istess appellant hati tar-raba` akkuza inkwantu inkwadrat ruhha limitatament fl-artikolu 338(bb) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tal-hames akkuza inkwantu li dan ir-reat sar mill-appellant fil-konfront tal-Ispettur Anthony Cassar biss u tas-seba` akkuza inkwantu

tinkwadra ruhha fl-artikoli 49 u 50 tal-kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali xejn felici tal-appellant, ikkundannat lill-istess appellant James Demanuele ghall-piena komplessiva ta' sitt (6) xhur prigunerija.
Rigward ir-raba` akkuza migjuba kontra l-appellant James Demanuele fid-dawl li dak li intqal qabel fis-sentenza, l-Qorti lliberat lil James Demanuele limitatament mill-addebitu a tenur tal-artikolu 342 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta stante li ma rrizultax sodisfacentement ippruvat.
Rigward is-sitt akkuza migjuba kontra l-appellant James Demanuele, fid-dawl ta' dak li ntqal qabel rigward din l-akkuza fis-sentenza, l-Qorti lliberat lill-appellant James Demanuele minn din is-sitt akkuza stante li din l-akkuza ma rrizultatx.
Rigward is-seba` akkuza migjuba kontra l-appellant James Demanuele, fid-dawl ta' dak li ntqal qabel rigward din l-akkuza fis-sentenza, l-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri limitatament tal-addebitu moghti fil-konfront tal-imsemmi James Demanuele tar-recidiva moghtija ai termini tal-artikolu 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat lil James Demanuele sabiex fi zmien tlett (3) xhur ihallas lir-Registratur tal-Qrati s-somma ta' erba` mija w tlieta w sebghin Euro u disa` w sebghin centezmi ta' Euro (€473.79) rappresentanti spejjes inkorsi f'din il-kawza bin-nomina tal-espert Martin Bajada.
Fl-akkuza l-Qorti b'referenza ghat-talba tal-prosekuzzjoni ghal hrug ta' ordni ta' protezzjoni kontra l-appellant skond l-artikolu 412C tal-Kap. 9, fid-dawl tal-kontenut tal-imsemmi artikolu u tenut kont l-istadju li issa tinsab fiha din il-kawza, ghalhekk il-Qorti minflok l-imsemmija ordni ta' protezzjoni a tenur tal-artikolu 412 C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta applikat fil-konfront tal-appellant James Demanuele ordni a tenur tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Ghaldaqstant il-Qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta rabtet lill-appellant James Demanuele b'obbligazzjoni personali ta' elfejn Euro (€2000) li jzomm il-kwiet ma' Elena Maria Felice, Deianira

Demanuele u l-Ispettur Azjan Anthony Cassar ghal zmien sena.
Finalment il-Qorti ordnat li isem it-tifla ma ghandux jissemma f'ebda rapport li talvolta jista` jkun hemm ta' din is-sentenza fil-gazzetti jew mezzi ohra tax-xandir.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-6 ta' Lulju, 2010 li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu lliberat lill-appellant mir-raba akkuza limitatament mill-addebitu a tenur ta' l-artikolu 342 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u in kwantu lliberat lill-appellant mis-sitt akkuza stante li din ma tirrizultax, u tirrevoka ghall-kumplament u b'hekk l-appellant jigi mehlus minn kull imputazzjoni u piena, subordinatament u bla pregudizzju ghat-talba precedenti, l-appellant talab li fil-kaz ta' konferma ta' htija "in toto" jew "in parte" dina l-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok minhabba c-cirkostanzi tal-kaz odjern, tapplika piena ehfef u aktar idonea ghall-kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti :-

1. L-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi li tressqu quddiemha w bir-rispett kollu dovut jaghmlu s-sentenza bhala "unsafe and unsatisfactory" fis-sens illi dik il-Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha qatt ma tkun setghet tasal ghall-konkluzzjoni kollha li waslet ghaliha. Illi l-appellant mhux qed jghid illi huwa ma heddidtx lil Elena Felice. Li qed jinsisti dwarhu huwa li lit-tifla huwa ma heddidix. It-theddid kien biss fil-konfront ta' l-omm u mhux fil-konfront tat-tifla. U jekk it-tifla gie li semghet xi diskors tieghu minn fuq it-telefon kien peress illi ommha xeghlet il-"loadspeaker" tat-telephone sabiex bintha tisma` d-diskors ta' missierha. Propjament li wassal ghal dan kien in-nuqqas ta' l-omm elena Maria Felice li ma hallitlux l-access ghal bintu kif kienet ordnat il-Qorti tal-Familja.

Tant hu hekk illi dawn it-telefonati kienu wara l-provokazzjoni enormi li holqot Elena Maria Felice bin-nuqqas taghha li tohodlu lil bintu fl-Agenzija Appogg kif hekk kienet ordnat mill-Qorti tal-Familja. It-tifla li hija otistika xehdet dak li qaltilha ommha ghax sadanitant dawruha kontrih kemm ommha w nannitha. Il-pjan ta' l-omm kien li l-appellant jigi mcahhad milli jara lil bintu li issa ilu ma jara aktar minn sentejn.

2. Illi assolutament bla pregudizzju ghall-premess il-piena nflitta mill-Ewwel Qorti ta' sitt xhur prigunerija hija eccessiva hafna tenut li gara li gara kien dovut ghal fatt ta' provokazzjoni ta' l-omm li cahhdet lill-appellant mid-dritt tieghu ta' access ghal bintu minuri Deianira Demanuele. Lanqas ukoll ma hemm proporzjon bejn ir-reati u l-piena, l-appellant gie li tilef il-liberta` ghal sitt xhur fuq telefonati, u fuq dikjarazzjoni b'forma ta' domanda retorika li kien ghamel ma' l-Ispettur ("mela qed tmur maghha biex arrestajtni .......")ghal liema in segwitu huwa ddispjacih, skuza ruhu, u talbu apologija.

Irrizulta mill-provi illi l-appellant ghandu tifla Deianira Demanuele minn Elena Maria Felice u jidher li gie stabbilit dritt ta' access minn ordni tal-Qorti tal-Familja. Minhabba l-agir tal-appellant dan l-access ma kienx facli u mhux l-ewwel darba illi Elena Maria Felice innegat l-access ghall-protezzjoni tal-istess bintha.

Gara pero` illi fit-28 ta' Dicembru 2007 l-appellant mar l-agenzija Appogg biex jara lil bintu u hemmhekk gie mgharraf illi ma kienx sejjer jaraha u nghata parir jaghmel rapport l-ghassa tal-Pulizija. Qabel dan pero` cempel lil Elena Maria Felice u hemmhekk inqala argument bejniethom fejn irrizulta hafna theddid direttament ghal hajja ta' Elena Maria Felice. In segwitu gie arrestat mill-Ispettur Anthony Cassar u hemmhekk l-appellant ghamel certa allegazzjonijiet fil-konfront ta' dan l-ufficjal.

L-aggravju tal-appellant jikkonsisti fil-fatt illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament approfondit hazin tal-provi imressqa quddiemha, b'tali mod li s-sentenza giet deskritta bhala "unsafe and unsatisfactory". Barra minn hekk il-piena inflitta mill-Ewwel Qorti ta' sitt xhur

prigunerija hija eccessiva tenut kont illi dak li kien gara kien fatt ta' provokazzjoni tal-omm li cahdet lill-appellant mid-dritt ta' access ghal bintu Deianira Demanuele.

Ikkunsidrat :

Mall-ewwel daqqa t'ghajn tal-fedina penali tieghu, mal-ewwel johrog illi l-appellant huwa bniedem aggressiv u vjolenti, b'sensiela twila ta' vjolenza, theddid u aggressjoni fil-konfront ta' terzi. Naturalment dana wahdu mhuwiex raguni ghas-sejbien ta' htija, pero` l-Ewwel Qorti dahlet fil-fond fil-provi illi rrizultaw f'din il-kawza u dwar dan l-incident partikolari fejn ikwotat diversi brani ta' aggressjoni, theddid u vjolenza kontra Elena Maria Felice u l-istess binthom. Dana huwa kaz tipiku ta' vjolenza domestika, fejn allura n-nisa, bhala parti l-iktar debboli jisubixxu b'mod ingust u llegali aggressjoni minn naha ta' l-irgiel taghhom li kull ma jaraw biss huwa l-interessi personali minghajr ma jaghtu qis dak illi jkunu qed isofru l-persuni soggetti ghal dan it-theddid u vjolenza.

Il-Qorti ssib illi r-ragunamenti tal-Ewwel Qorti huma logici ragjonevoli u legalment korretti.

Sar apprezzament profond tal-provi li tressqu quddiem l-Ewwel Qorti u din l-Ewwel Qorti b'mod studjuz evalwat dawn il-provi u waslet ghall-konkluzzjoni taghha, liema konkluzzjonijiet jimmeritaw illi jkunu konfermati. Ma hemm xejn x'jigi iccensurat f'din is-sentenza, li ghal kuntrarju ta' dak li allega l-appellant ma hemm xejn "unsafe" u "unsatisfactory", anzi bil-kontra saret gustizzja mal-vittmi u l-appellant ma haqqu xejn inqas minn dak illi stabbilit l-Ewwel Qorti.

Hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha.

Din il-Qorti ghamlet apprezzament approfondit tal-provi illi kellha quddiemha l-Ewwel Qorti u waslet ghall-

konkluzzjoni illi dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha. Ghalhekk ghal dak illi jirrigwarda l-meritu mhux il-kaz illi din is-sentenza tigi disturbata.

Ghal dak li jirrigwarda l-piena l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-deskrizzjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika illi kellha tkun anqas minn dak illi tkun fil-fatt (Ir-Repubblika ta’ Malta vs Eleno sive Lino Bezzina 24-04-03 u ohrajn).

Irrizulta illi l-piena nflitta tidhol fil-parametri tal-ligi u din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni illi ghandha tkun anqas minn dik inflitta.

Ghal din ir-raguni l-Qorti taqta` u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------